il-bieb tar-remissa li kien hemm fil-faċċata. Katarin bexxqet il-bieb u malli rat lil Ġanni twil, twil igħajjat: "iftaħli, ħalli mmur ir-raħal" Katarin, imdaħħla fiż-żmien, qatt ma tidher barra ħlief għall-bżonn, beżgħet, għalqet il-bieb, żammet il-lukkett u deffset is-sokra u bdiet tgħajjat lil ħuha biex ikeċċih.

Ħuha Peppi, mgħawweġ bil-piż taż-żmien, xiref mit-tieqa tal-għorfa fuq ir-remissa u għajjatlu biex jitlaq, waqt li Ġanni mqabbad mal-ħabbata, igħajjat "iftaħli". Kienu qegħdin tajjeb: Katarin tixher minn ġewwa għax ħasbet li jrid jidħol għaliha biex joqtolha, u Peppi mit-tieqa jgħajjat "ċipuli laqċa ħajwattapielu" (ġibuli laqxa ħalli nwaddabħielu).

U did-daħka damet sejra sakemm waslet Mannan, mart Ġanni, warbitu minn mal-bieb ta' Katarin u wara ħaditu fuq karettun lejn id-dar, jew skond il-fehma tiegħu, lejn ir-raħal

* * *

Fi tfuliti kont nismagħhom jirrakkuntaw kif darba fit-tard fil-għaxija xi erbat irġiel kienu f'ħanut jieħdu qatra nbid u jgerrmu xi żewġ fuliet inkaljati jew xi karawetta u jgħidu kelmtejn meta jisimgħu żewġ sparaturi u wieħed minn dawn igħid: "tih tir ieħor għax ma lqattux" u baqgħu jilagħbu. Wara mument jisimgħu l-krib u joħorġu u jsibu raġel mal-art jitkaxkar u jżomm żaqqu, u jsibu lill-midrub jkun jiġi ħu dak li biex jiċċajta qal: "tih tir ieħor għax ma qtiltux!"

Il-midrub qallhom min sparalu u ftit wara miet.

Xi tlett tijiem wara lil dak li spara jsibuh mgħallaq ġo kamra fit-triq tal-Imtarfa, taħt il-Villa Rumana, ir-Rabat.

---

# BEWSTEK

**Ta' Joseph Sciberras**

Lilek,
u lilek biss irrid,
u lil ħadd aktar ħliefek
għax Inti waħdek
ittini mħabbtek
kollha kemm hi, u sħiħa,
u bla mittiefsa
mingħajr ma toqgħod tqis u tkejjel,
la qabel w anqas wara,
kemm tkun ser tirbaħ
tal-bewsa tiegħek,



# ZORRO

Sketch ta' tfajjel.

**Ta' J.P. Vassallo**

*Għal James*

Għaddejt narah: ġie jiġri biex jilqagħni
Bix-xabla f'idu sabiex ibeżżagħni.

Taħt nitfa maskra sewda jleqqu għajnejn
Li jsebbħu t-tbissima tax-xofftejn

Imbexxqa bħal blanzun, kulur il-qroll
Jistiednu it-tagħniq u l-bews ukoll.

Maqfula m'għonqu kappa sewda ttir
biż-żeta bajda mħarbxa b'ġibs jew ġir.

Jaqbeż u jiġri u jitla' mat-turġien,
Jistaħba mal-purtieri u x'naf jien.

Issa jwerżaq donnu xi għafrid
Ixejjer xabla aħrax u mqit.

Sieket imbagħad u ġwejjed bħal ħalliel
Jirfes bla ħoss sabiex jiskansa xkiel.

Hekk igħaddi s-sigħat bla ħjiel ta' sabar
Sakemm bil-lejl ġo soddtu jmur jinġabar.

Igerger talb, għajnejh mitlufa ngħas,
Bil-mod il-mod tibda titqal ir-ras.

Jesus and Mary ... bless ... Daddy and Mummy
u jqiegħed siksnijiet ġo ħalqu d-dummy.

Jittajjar fuq il-ħolm tal-fantasija
Ma' Żorro u Don Diego u s-Sur Garcia.